MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Talba Numru. 1998/2004

**GasanMamo Insurance Limited C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-specjalista tabib George Attard u l-istess specjalista tabib George Attard.**

**Vs**

**Adrian Scicluna.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Ottubru, 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u disgha u erbghin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm849.49) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IAH 673 fit-18 ta` April, 2004 gewwa Bahar ic-Caghaq u habat mal-vettura numru TFH 192 proprjeta` ta` u misjuqa mill-attur George Attard

u kkaguna danni f'din l-istess vettura ta` l-attur u ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 25 ta` Awissu, 2004 u ta` ittra ufficcjali ohra pprezentata kontestwalment ma` dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta` Marzu, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` tmien mija u disgha u erbghin lira, disgha u erbghin centezmu (Lm849.49) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------